SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA’ KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 19-6

Illum it-Tlieta, 27, ta’ Settembru 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.30p.m

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Rachel Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadt

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 18-16 li saret nhar it-Tlieta, 23 ta’ Awissu 2016 u ġew moqrija u approvati.

### *1.1 Mill-Minuti*

#### *1.1.1 Moon Festival*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 4.7 tal-laqgħa preċedenti u qalet li xtaqiet tgħid proset lil min kien involut fl-organizzazzjoni tal-Moon Festival li sar nhar il-Ħamis, 15 ta' Settembru 2016 fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill ingħaqad mal-Kunsilliera Caroline Galea fil-kummenti tagħha.

#### *1.1.2 New Street Lighting*

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti u għad-dawl ġdid li ser isir Triq Bruka fejn il-provista tal-eletriku tista' tiġi minn naħa ta' fuq. Huwa qal li jista jsir l-istess proċess biex tinġieb il-provista fi Triq Petunja fejn hemm bżonn lit-triq tiġi mdawwla aħjar. Għandha tinġieb kwotazzjoni dwar din il-proposta.

#### *1.1.3 Ilment minn residenta rrekordjat*

Il-Vici Sindku rrefera għall-minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li ma kienx hemm l-ebda żvillup dwar il-każ. Huwa qal li xtaq jagħmilha ċara li hu li jinteressah f'dan l-istadju kien l-*approach* li jintuża man-nies. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil kuratur tal-Ġnien dwar dan. Il-Kunsillier Bonello semma inċident ieħor fejn familjari tiegħu u ħbieb tagħhom daħlu fil-Picnic Area bil-*bicycle* u l-kuratur qallhom li mhux permess li tidħol fil-ġnien bil-*bicycle*. Huwa kompla jgħid li sa fejn jaf hu fil-Picnic Area tista' tidħol bil-*bicycle*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar li dawn il-punti jiġu ċċarati issa li qed issir ir-reviżjoni tal-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'.

#### *1.1.4 Kostruzjoni ta' Manhole fi Triq il-Ġiżimin*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 4.9 u qal li kien mar mal-Inġinier tal-Kunsill u ġew identifikati l-marki li kienu saru mill-WSC fi Triq il-Ġiżimin. Huwa qal li dawn ser jiġu mmarkati mill-ġdid qabel jitħassru għal kollox.

#### *1.1.5 Siġar fi Triq Maria De Domenicis*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta' 1.1.2 u staqsa dwar it-tlett siġriet li qed jagħmlu ħsara lil ħajt li hemm bejn Triq Maria D'Domenicis dwar il-possibilita' li dawn jinqagħlu. Is-Sindku qal li trid issir applikazzjoni mal-ERA u ġie nutat li dawn is-siġar huma ta' tip Ewkaliptus u għaldaqstant mhumiex protetti. Il-Kunsillier Sciberras ppropona li flok is-siġra tat-tarf in-naħa tal-blokk tal-appartamenti, għandu jinżergħa arbuxell minflokk.

#### *1.1.6 Kont dwar xogħol ta' restawr ta' monument*

Saret referenza għall-minuta 5.7 u s-Sindku nforma lil Kunsill li kien ser jibgħat għall-kuntrattur biex ikellmu.Il-Viċi Sindku qal li jħoss li minħabba *misunderstanding* m'għandux ibgħati l-kuntrattur.

### *1.1.7 Ittra lill- Klabb tal-Boċċi*

Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* fir-rigward tal-ittra li ntbagħtet lil Klabb tal-Boċċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċevit l-ebda feedback. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħt *reminder*.

### *1.1.8 Żbir ta' Siġar u laqgħa mal-ELC Ltd. - komunikazzjonijiet*

Il-Viċi Sindku semma x-xogħol fuq żbir tas-siġar u rrefera għas-siġra tal-Ewkaliptus li nżabret fi Triq Ines Soler. Huwa oġġezjona għal fatt ta' kif inżabret is-siġra. Huwa qal li għandhom jitnaqsu l-fergħat biex din tarmi minn taħt u b'hekk ma tintmiss mill-għoli.

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentant tal-ELC Ltd. fejn ġew iċċarati diversi punti u nuqqasijiet b'mod partikulari fejn jirrigwarda t-tisqija bil-*bowser*.

## 2. KORRISPONDENZA

### *2.1 Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa 24 ta' Awissu 2016 u it-Tlieta. 27 ta' Settembru 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### *2.2 Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### *2.2.1 Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0893-16-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – PQ 27342
- 0922-16-O – Transport Malta – Proposta tat-trasport pubbliku
- 0964-16-O – Għaqdiet f'Santa Luċija – Jum Dinji tat-Tfal

### *2.2.2 Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0872-16-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Ħmieġ tal-Klieb
- 0953-16-I – Chairman Art Discussion Group – Użu tat-Tea Room fi Ġnien is-Serenita'.

- 0974-16-I – Dipartiment Għall-GvernLokali – Cirkulari Numru 26-2016 – Kampanja Pink October 2016
- 0992-16-I – Kunsill Konsultattiv Għan-Nofsinhar ta' Malta – Pjan Soco Edukattiv
- 0993-16-I – GreenPak – *Clothes Collection*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***SLLC Memo 25-2016 - Proġett tal-Jogging Track***
- ***SLLC Memo 26-2016 - Keep Fit Classes u Xiri ta' Mirja***
- ***SLLC Memo 27-2016 - Spejjeż relatati mal-attivita' tal-Moon Festival***
- ***SLLC Memo 28-2016 - Bye-Laws Gnien is-Serenita***
- ***SLLC Memo 29-2016 - Approvazzjoni għal xiri ta' 60 irrigation jets għal Picnic Area***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0872-16-I il-Kunsill iddiskuta l-problema tat-toroq maħmuġin bil-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu l-avviżi kemm jista' jkun malajr u jinkera servizz ta' Green Warden bejn is-sitta u t-tmenja ta' filgħodu. Il-Kunsill qabel li r-rotta għandha tinkludi l-area ta' Triq Maria De Domenicis u madwar il-*promenade* f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0953-16-I il-Kunsill laqgħa t-talba tac-Chairman tal-Art Discussion Group għall-użu tat-Tea Room darba fix-xahar. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab kontribuzzjoni tal-ispejjeż involuti li tinkludi s-servizz tal-Kuratur.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0947-16 l-Kunsill qabel li fl-okkazzjoni tal-bidu tal-Kampanja Pink October 2016, il-Funtana l-kbira fl-entratura tal-Ġnien Ċiniż għandha tinxtegħel bil-kulur roża.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0992-16-I il-Kunsill innota it-talba tal-Kunsill Konsultattiv Għan-Nofsinhar ta' Malta dwar faċilitajiet għal-użu taż-żgħażagħ fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu indikati l-faċilitajiet sportivi u rikreattivi.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0922-16-O is-Sindku qal li kellu telefonata minn Transport Malta fejn ġie nfurmat li l-karrozzi tal-linja ma jistgħux idumu aktar minn sitta sa sebgħa minuti fuq il-venda.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0964-16-O is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lill-għaqdiet f'Santa Luċija dwar l-inizjattiva marbuta mal-Jum Dinji tat-Tfal u sa issa rċiviet *feedback* mingħand is-Santa Luċija Girl Guides.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru ta' referenza 0993-16-I il-Kunsill qabel mal-proposta tal-GreenPak biex terġa tiġi organizzata *clothes collection* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill għażel il-ġurnata tal-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2016 għal din l-inizjattiva.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Membri fil-Klabb tal-Football u Nursery*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Klabb tal-Football ingħaqad mal-Klabb tal-Luxol fit-tmexxija tan-Football Nursery u tal-Gym li ġie mwaqqaf fil-premises tal-Klabb tal-Football. Huwa qal li tfal u żgħażagħ ser jingħataw skont speċjali fuq il-membership fee kemm il-darba dawn jippreżentaw karta mill-Kunsill li turi li dawn minn Santa Luċija. Minn kummenti li għaddew dwar din il-proposta, ġie nutat li l-ID Card, fil-każ tat-tfal tkun tal-ġenituri, u r-Reġistru Elettorali huma biżżejjed biex wieħed jivverifika jekk persuna tkunx minn Santa Luċija.

### *4.2 Proġett WELCOME*

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għal proġett WELCOME u qalet li bħala *partners* f'dan il-proġett, il-Kunsill qed jiġi mitlub biex jorganizza laqgħa pubblika dwar l-imigrazzjoni biex il-Kunsill ikun ġabar il-*feedback* mir-residenti dwar din it-tema. Hija qalet li id-dokumentazzjoni dwar din il-laqgħa għandha tinbagħt lil organizzaturi biex tiġi nkluża fir-rapport finali dwar dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li l-parteċipanti f'dan il-proġett jiltaqgħu is-Sibt 1 ta' Ottubru 2016 biex jiddiskutu dwar l-organizzazjoni ta' din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Bonello talab li jinkera transport minn u lejn l-ajruport għall-parteċipanti tal-proġett Welcome peress li l-ħinijiet tat-titjiriet huma matul il-lejl. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

### *4.3 Attivitajiet*

Is-Sindku tkellem dwar attivitajiet li qed iħejji għal perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2016. Huwa ta din l-informazzjoni kif ġej:

- Halloween Party li ser isir fil-Picnic Area fil-31 ta' Ottubru 2016

- Snow Village fil-Picnic Area fid-9 ta' Diċembru 2016. Ser ikun hemm *snow maker*

- Presepju ħaj fil-Ġnien tal-Iskultur.

- Purċissjoni mill-Kappella ta' Santa Luċija fl-okkazjoni tal-festa ta' Santa Luċija fit-13 ta' Diċembru 2016. Wara ssir quddiesa u kunċert mill-Angelic Voices fejn jiġi ppreżentat l-Unur ta' Ġieħ Santa Luċija għas-sena 2016.

- Serata' għall-Kommunita' ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2016

- Party għat-tfal nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016 filgħaxija

- Titwaqqaf Xmas Tree fil-Picnic Area

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-proposti. Is-Sindku qal li ser isiru *stalls* tal-Milied għal waqt dawn l-attivitajiet. Il-Kunsilliera Galea qalet li l-idea hija waħda tajba iżda staqsiet jekk dawn l-attivita' humiex ser ikunu kummerċjali.

Il-Kunsill iddiskuta aktar fid-dettal u ssemmiet il-possibilita' li jinħareġ avviż ta' nteress biex isiru *stalls* li jbiegħu affarijiet relatati ma' dawn it-tip ta' attivitajiet bħall *mulled wine* u mbuljuta.

Il-Kunsillier Bonello qal li hu jorganizza l-Pantomina tal-Milied lejn l-aħħar ġimgħa tax-xahar ta' Diċembru 2016.

Il-Kunsill għandu jinżamm infurmat dwar aktar dettalji u spejjeż relatati ma dwar dawn l-attivitajiet.

### *4.4 Ittra lil Ministru tal-Finanzi*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar Ġnien is-Serenita' u ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru tal-Finanzi u s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsill Lokali biex il-Kunsill jingħata *budget* speċjali għal dan il-ġnien. Huwa qal li hemm bżonn li jkun hemm żewġ *security guards* oħra ma dawk li hemm diġa. Huwa kompla jgħid li hemm bżonn ta' żewġ ġardinara *full time* li jkunu tal-post għax il-ħaddiema tal-ELC Ltd ma jistgħux ileħħqu mal-gnien kif ukoll mal-kumpament tal-lokalita. Is-Sur Cutajar qal ukoll li hemm bżonn ta' *team* tal-*maintenance* ta mhux anqas minn tlieta minn nies biex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u tindif tal-istrutturi tal-injam. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu elenkati l-ispejjeż li għandu l-Kunsill b'dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-ġnien huwa proġett nazzjonali li jżuruh ħafna turisti u gruppi ta' nies minn madwar Malta kollha.

### *4.5 Honarary Citizen ta’ Santa Luċija*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar attivita’ li ser issir fi Ġnien is-Serenita’ fid-9 ta’ Ottubru 2016 organizzata mill-Ambaxxata Ċiniża fl-okkazzjoni taċ-Chinese National Day. Huwa ppropona li jingħata rikonoxximent – Honorary Citizen ta’ Santa Luċija lis-Sinjura Jia Xiaoling Uffiċjal fiċ-Ċentru Kulturali Ċiniż. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

### *4.6 2016 Maritime Silk Road International Tourism Carnival*

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill lis-Sur Chen Juheng ser ikun qed jirrapreżenta lill-lokalita’ ta’ Santa Luċija fuq l-attivita’ hawn fuq imsemmija f’Suzhou fiċ-Ċina.

### *4.6 CCTV*

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta’ PTL Ltd dwar *surveillance cameras*. Is-Sindku qal li kien ser jiltaqa’ ma rappreżentanti ta’ din il-kumpanija biex jara eżatt x’tinvolvi u l-ispejjes relatati ma’ din il-proposta.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6301 sa numru BOV 6369 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-2 ta’ Awissu 2016 u l-31 ta’ Awissu 2016

Lista ta’ *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru18-16(23-08-16)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Awissu 2016 Ammont *Gross* € 5010.74

### 5.3 *Approvazzjoni għall-xiri*

#### *5.3.1 Xiri ta’ Xkaffar*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta’ xkaffar għal annex tal-Kunsill u għall-kamra tal-*maintenance* fi Ġnien is-Serenita. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel jinxtara l-iskaffar tal-annex tal-Kunsill għandu jiġi mressaq

l-*airconditioner.* Ma kienx hemm oġġezzjoni għal xiri ta' xkaffar fil-*maintenance room* tal-ġnien.

### *5.3.2 Xiri ta' Spare Parts*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni li tammonta għall-€77.90 għal xiri ta' *spare parts* biex tissewwa l-pompa li hemm fil-vaska l-kbir fi Ġnien is-Serenita'.

### *5.3.3 Xiri ta' Fridge għall-Berġa*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' €205.00 Vat inkluż għal xiri ta' *fridge* għall-Berġa.

## 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet u Servizzi*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Extra Wks | 855.00 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv-Ġunju 16 | 741.00 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv-Lulju 16 | 759 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Serv-Lulju 16 | 940.10 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Serv-Awissu 16 | 940.10 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.-Awissu 16 | 2061.50 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | Bill 16092 | 473.04 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Extra Work | 181.72 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv.-Awissu 16 | 1962.85 |
| Oweb Borg | PCA (57-14-02) | Serv. Awissu 16 | 366.93 |
| Siro Camilleri | SLLC Q(57-16-04) | Kuratur GC-Awissu 16 | 302.20 |

## 6. BYE-LAWS FI GNIEN IS-SERENITA'

l-Kunsill-għadda biex jiddiskuti l-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita' u sa issa qabel ma' dawn l-emendi:

Bdil fit-titlu ta' dawn il-Bye-Laws, minn Bye-Laws dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' għal Bye-Laws dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita u Ġnien l-Iskultura. Dan it-titolu għandu jiġi emendat kull fejn hemm bżonn f'dawn il-Bye-Laws

**Ordinament 7.5.1** minflok *tmienja u ħamsin ċenteżmu għal kull persuna adulta* tiġi ħamsa u sebgħin ċenteżmu għal kull persuna adulta

***Ordinament 7.7*** jitneħħa l-kliem*: u fl-ebda każ m'għandu jkun ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletien euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)* u minflokk jidħol il-kliem: skond in-natura tal-attivita'.

**L-Ewwel Skeda**: minflok fuq in-naħa ta' isfel tas-siteplan flok il-kliem :

| | |
|---|---|
| *Area with boundaries:* | *Site known as Iżra u Rabbi* |
| *Shaded area:* | *Garden of Serenity* |

Għandha tinbidel u tiġi:

| | |
|---|---|
| Non Shaded Area within boundaries | Sculpture Garden |
| Shaded Area within boundaries | Garden of Serenity |

**It-Tieni Skeda**: minflok *Id-dritt għad-dħul f'każ ta guided tour ikun ta' 58 ċenteżmu* għandha tinbidel u tiġi: Id-dritt għad-dħul f'każ ta' guided tour ikun ta' 1Euro kull persuna

**It-Tielet Skeda** (Ordinament 7.2) Formula ta' Applikazzjoni għandha titneħħa *Lm.*

**Taqsima 3** (Ordinament 7.4) dritt dovut għal attivita' kummerċjali għandu jkun ta' 100.00 Euro kull siegħa.

Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li trid issir *gate* ġdida fil-Ġnien l-Iskultur. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li jsir ir-*relaunching* tal-Ġnien li għalih ikun mistieden Ministru u aġenziji midħla tat-turiżmu u attivitajiet kummerċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li dan ir-*relaunching* l-aħjar li jsir kif tiġi emendata l-Bye-Laws.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-*watchman* u l-kuratur tal-ġnien għandhom ikunu nfurmati bil-permessi maħruġa mill-Kunsill għal użu tal-ġnien u l-permessi għandhom jiġu ppreżentati fl-entratura tal-Ġnien u jinġabru minn min ikun responsabbli mill-ġnien f'dak il-ħin.

## 7 ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Il-Kunsill iddiskuta Ċirkulari 16/2016 maħruġha mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel li jitlob estenzjoni tad-data stabbilita fiċ-ċirkulari msemmija.

## 8. XOGĦOLIJIET

### *8.1 Taraġ minn Triq Maria De Domenicis għal Triq Mabel Strickland*

Is-Sindku irrefera għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li kien iltaqgħa mal-perit fuq il-post. Huwa qal li l-perit ser ilesti proposta ta' proġett li permess tiegħu ser jiġi eliminat it-taraġ u jsiru tlett rampi minflok. Huwa qal li bħalissa l-perit qed iħejji *survey* biex ikunu jisgħtu jitħejjew il-pjanti eżistenti kif ukoll dawk proposti. Huwa qal li din il-proposta tista titqies bħala proġett u li l-perit qed jirrakomanda li għal dan ix-xogħol tinħareġ sejħa speċifika.

### 8.2 *Water culvert fi Triq Pensjeri*

Saret referenza dwar l-istima li kellha tiġi riveduta fir-rigward ta' xogħol marbut ma' *water culvert* fi Triq Pensieri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istima riveduta tal-kuntrattur tal-kunsill tammonta għas-somma ta' €1890 VAT inkluż. Il-Kunsill approva din l-istima.

### *8.3 Twaħħil ta' LED lanterns*

Il-Kunsill iddiskuta it-tweġiba tal-kuntrattur Nexos fuq il-proposta li l-lanterni tal-LED jitwaħħlu fi Triq il-Vjoli u Triq Tulipan. Billi irriżulta li dan ma kienx possibli il-kunsill qabel li jagħmel dawn il-lanterni fil-passaġġ li jagħti għall-*pellican lights.*

### *8.4 Proġett tal-Jogging Track*

Is-Sindku tkellem dwar site meeting li kellu ma' rappreżentanti tal-ELC Ltd. dwar il-possibilita' li ssir *irrigation system* u jinżergħa t-*turf* fil-Jogging Track. Huwa nforma lil Kunsill dwar ix-xogħol kif qed jiġi propost u qal li ELC Ltd għandhom jibgħatu stima tax-xogħol involut fuq din il-proposta. Il-Viċi Sindku qal li għandhom jinħartu l-*flowerbeds* u jinbarrax il-wiċċ. Huwa qal ukoll li jista' jsir *hedge* bil-*pittisforum* fil-*perimeter* fin-naħa ta' Triq il-Ġnien.

Il-Kunsill qabel li titneħħa t-tabella li hemm fil-Jogging Track dwar il-klieb u titpoġġa oħra li tgħid li l-klieb iridu jinżammu biċ-ċinġa u li sid il-kelb irid inaddaf wara li l-kelb tiegħu jkun ħammeġ. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li l-Kunsill jerġa jibda jikkunsidra l-proġett tad-Dog Park f'din l-*area*.

### 8.5 Xogħol ta' Manutenzjoni

Il-Viċi Sindku tkellem dwar xogħol ta' manutenzjoni li sar fi Pjazza 7 ta' Lulju. Huwa rrefera għal bankijiet tal-injam u qal li dawn ġew miżbugħa biż-żebgħa flok bil-verniċ. Huwa qal li dawn kienet saret manutenzjoni estensiva anqas minn sentejn ilu mill-ħaddiema tal-MSD. Huwa semma wkoll iċ-ċint li nżebagħ bil-kulur aħmar.

Is-Sindku wieġeb li dawk il-bankijiet kienu tal-MSD li żebgħawhom biż-żebgħa kannella.

### 8.5 Picnic Area

Is-Sindku nforma l-Kunsill li qed terġa tiġi attivita' d-*drip irrigation* fil-Picnic Area biex din tinzergħa bit-*turf*.

### 8.6 Bollard fi Triq Tursin il-Bir

Il-Kunsillier Bonello qal li hemm bżonn li tersaq ftit il-*bollard* li hemm fi Triq Tursin il-Bir quddiem blokk A. Huwa qal li hemm min qed jipparkja quddiem l-entratura ta' dan il-blokk bil-konsegwenza li l-anqas iħallu minn fejn joħorġu r-residenti. Huwa qal li dan qed ikun ta' inkonvenjent speċjalment fil-każ ta' *pushchair* u ambulanza.

### 8.6 Flooding f'Dawret it-Torri

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għax-xita li għamlet u qalet li b'ħalba xita waħda Dawret it-Torri reġgħet iffladjat. Is-Sindku qal li xi ħadd qed isodd il-*gutter* li hemm fil-bidu tat-triq. Huwa qal li ser jiċċekja dwar dan.

### 8.8 Oħrajn

Il-Kunsill laqgħa talba ta' resident biex fi Triq il-Ġnien issir tabella fejn hemm il-kaxxa s-safra għal persuni b'diżabilita'.

Il-Kunsill laqgħa talba ta' resident biex issir *parking bay* għal mutur fil-kantuniera fejn block L fi Triq iż-Żnuber.

Il-Kunsill laqgħa talba biex il-*bracket* quddiem il-ħwienet f'Dawret it-Torri isirilha *maintenance*.

**9. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ....................,...... ta' ...................... 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**